# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 25**

**Citaz. Nru. 164/95GV**

Doc. 138-01

**Marianne mart Mario Ellul f'isimha propju u bhala kuratrici 'ad litem' ta' uliedha minuri Ian u Emilio u dan b'digriet tat-tletin (30 ta' Marzu, 1995.**

**-vs-**

**Mario Ellul**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kontendenti ilhom mizzewgin u mill-imsemmi zwieg kellhom iz-zewgt itfal minuri Ian u Emilio;

Premess illi l-hajja matrimonjali tkissret minhabba l-agir tal-konvenut li kkkometta adulterju, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija u theddid fil-konfront tal-attrici u inoltre iz-zwieg ta' bejniethom tkisser ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b'tort uniku tal-konvenut;

2. tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Ian u Emilio f'idejn l-attrici;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri, dik ir-retta alimentarja li jidhrilha xierqa;

4. tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici;

5. tiddikjara xolta u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut, filwaqt li jigu dikjarati propjeta' unika tal-attrici dawk l-oggetti mobbli w immobbli li huma parafernali taghha;

6. tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 50, 52 u 55 tal-Kodici Civili sa fejn applikabbli w in partikolari li l-konvenut jiddekadi mid-drittijiet successorji tieghu fil-konfront tal-attrici;

7. tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab "Emilian", F. M. Ferretti Street, B'Bugia u tassenja l-istess lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 47 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi filwaqt li huwa minnu illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser dan ma hux abbazi ta' dak allegat fic-citazzjoni u konsegwentement filwaqt li l-konvenut ma jopponiex ghal-separazzjoni personali minn ma martu din ma tistax tkun ippernjata fuq dak allegat mill-attrici u lanqas ma jista' jkollha l-effetti legali minnha mitluba fic-citazzjoni u f'dan is-sens it-talbiet attrici, almenu kif proposti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-Sekond Awla a fol. 19;

Rat id-digriet a fol. 38;

Rat id-dikjarazzjoni t'astensjoni a fol. 54;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-attrici qed titlob li dina l-Qorti: tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b'tort uniku tal-konvenut; tafda

l-kura w l-kustodja tat-tfal minuri Ian u Emilio f'idejn l-attrici; tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri dik ir-retta alimentarja li jidrilha xierqa; tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici; xolta u likwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti w tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut, filwaqt li jigu dikjarati proprjeta' unika ta' l-attrici dawk l-oggetti mobbli u immobbli li huma parafernali taghha; tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 50, 52 u 55 tal Kodici Civili sa fejn applikabbli w in partikolari li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successjorji tieghu fil-konfront ta' l-attrici; tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab "Emilian" F. M. Ferretti Street, B'Bugia u tassenja l-istess lill-attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser mhux abbazi ta' dak allegat fic-citazzjoni u konsegwentement filwaqt li l-konvenut ma jopponiex ghal separazzjoni personali minn martu, din ma tistax tkun ippernjata fuq dak allegat mill-attrici u lanqas ma jista' jkollha l-effetti legali minnha mitluba fic-citazzjoni, u f'dan is-sens it-talbiet attrici, almenu kif proposti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Fl-ewwel talba taghha l-attrici talbet li dina l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u zewgha ghar-ragunijiet imputabbili unikament ghall-konvenut.

Il-konvenut jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni bejnithom izda mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-attrici.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-attrici rnexxilha tipprova li z-zwieg taghhom spicca rremedjabilment minhabba tort tal-konvenut, dana kemm minhabba l-vizzju tax-xorb li kellu l-konvenut kif ukoll minhabba l-vjolenza fizika ezercitata minnu fuq l-attrici u t-tfal taghhom, fil-maggor parti ghal ragunijiet ta' xejn jew minhabba ragunijiet banali (ara xhieda ta' l-attrici fol 84; Dr. Chircop fol. 151 u Dr. Xuereb fol. 164; sentenza tal prim istanza u appell Kriminali fol. 313).

Kwantu ghall-incident,li anke jissemma fix-xhieda ta' l-attrici meta wiehed mill-girien kien ghamel xi avvanzi lejn l-attrici, l-Qorti hi tal-fehma li dana kien incident uniku u ma jidhirx li l-attrici kienet qed tillidja lill dana l-garr imma kien dana li kien qed jimportunaha.

**Kustodja**

Fit-tieni talba taghha l-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura w l-kustodja tat-tfal minuri Ian u Emilio. Fil-mori tal-kawza dawn iz-zewg subien illum saru maggorenni u ghalhekk m'hemmx lok li l-Qorti tipprovvdi fuq dina t-talba.

**Manteniment**

Fit-tielet talba l-attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri dik ir-retta alimentarja li jidrilha xierqa.

Illi prezentement il-konvenut, fuq ordni tas-Sekond Awla, suppost qed ighaddi lill attrici u lit-tfal Lm180 fix-xahar, kwantu ghall Lm50 ghal kull wiehed mill-ulied u Lm80 ghall-attrici. Il-konvenut qed jippretendi li billi l-attrici ‘llum qed tahdem *full time* u bis-salarju u beneficcji ohra, hi ghandha bizzejjed biex tista’ tmantni lilha nnfisha minghajr ebda diffikulta’ ta’ xejn. Inoltre l-konvenut qed isostni li anke t-tfal qeghdin jahdmu *full time* u m’ghandhomx bzonn manteniment. Ghalhekk qed jitlob li jkun hemm temperament fir-rata ta’ manteniment li hu gie ordnat li jhallas mis-Sekond Awla.

L-attrici ma taqbilx ma dina t-talba billi qed issostni li l-konvenut hu direttur ta’ hames kumpaniji, ghandu flus barra u Malta u ghandu karozza tal-kumpanija, *travel* u *entertainment allowances*, bil-kumpanija li thallaslu l-*loan* tad-dar. Inoltre ghandu salarju mill-kumpanija li jlahhaq oltre l- Lm500 fix-xahar (l-konvenut semma Lm6,727) apparti d-*directors fees* (il-konvenut semma Lm6,000 u *dividends* xejn).

Bhala fatti jirrizulta li minn Dicembru, 1997 l-attrici bdiet tahdem *full time* mal HSBC u ddahhal paga ta’ Lm4,617 *gross*. It-tfal, ghalkemm maggorenni, qeghdin id-dar u ma jahdmux u hi trid tiehu hsiebhom u l-bzonnijiet taghhom. Kontijiet ta’ dawl u ilma u *telephones* ma jirrizultax li qed jithallsu mill-konvenut. Anke fil-*loan repayment* hemm arretrati u l-bank ha azzjoni kontra l-kontendenti ghar-*repayment*.

Il-Qorti wara li qieset il-mezzi finanzjarji tal-konvenut u ta’ l-attrici u l-ispejjez tat-tnejn tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ghandu jkompli jghaddi l-istess retta alimentarja ghaliha u ghat tfal u dana billi ghalkemm issa l-attrici m’ghandiex l-istess spejjez li kellha qabel u llum qed tahdem *full time*, ir-retta alimentarja giet iffissata seba’ snin ilu, u ghalhekk id-differenza fic-cirkostanzi ta’ l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghaz-ziedet fis-salarji u l-gholi tal-hajja li hi ma

haditx tul dan il-perjodu. L-attrici m'ghandiex tigi penalizzata ghax giet obbligata tmur tahdem biex tghix hi u t-tfal.

**Manteniment tal-konvenut**

In vista' ta' dina l-konkluzzjoni l-Qorti tiddeciedi wkoll li l-konvenut m'ghandux dritt ghall-manteniment li setgha kellu minghand l-attrici.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

Fil-hames domanda taghha l-attrici talbet li tigi dikjarata xolta u likwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti w tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut, filwaqt li jigu dikjarati propjeta' unika ta' l-attrici dawk l-oggetti mobbli u mmobbli li huma parafernali taghha.

**Oggetti mobbli u mmobbli**

Illi f'dawn il-proceduri kien sar mandat ta' deskrizzjoni tal-oggetti li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali. L-attrici qed tippretendi li l-oggetti mmarkati f'dana l-mandat a fol. 306 sa 311 bil-*highlighter* isfar huma taghha. Hi gabet bhala prova x-xhieda taghha stess u dik ta' ommha fejn indikaw minn fejn kienu gew il-flus u liema oggetti nxtraw b'dawn il-flus. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar din il-pretenzjoni ta' l-attrici u ghalhekk il-Qorti tiddecidi li l-oggetti ndikata bil-*highlighter* isfar fil-mandat ta' deskrizzjoni msemmi ghandhom jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li ser tigi assenjata lill-attrici.

**Dar Matrimonjali**

L-attrici qed titlob ukoll li tigi awtorizzata li tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab “Emilian” F. M. Ferretti Str, B’Bugia u li dina tigi assenjata lilha.

Illi meta kienu qed isiru attentati biex issir separazzjoni bonarja, il-konvenut, tramite l-Avukat tieghu, bla pregudizzju, kien accetta li hu jittrasferixxi il-parti tieghu tad-dar b’dan pero’ li huwa jibqa’ responsabbli ghall-pagamenti versu l-Lohombus Corporation, bil-kondizzjoni li jekk l-attrici tbiegh id-dar jew ma tibqax tabita fiha, l-attrici jkollha thallas il-bilanc lill Lohombus. (fol. 321). L-attrici qablet ma dina l-proposta. Hi lesta li tirrinunzja ghall kwanukwe dritt li hija seta’ kellha fil-kumpaniji li fihom ir-ragel ghandu sehem biex tkun tista’ zzomm id-dar. Hi mhiex lesta li tiggarantixxi pero ‘ l-ebda dejn ta’ dawn il-kumpaniji.

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi dana l-punt billi tawtorizza li l-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab “Emilian” F M Ferretti Str, B’Bugia ma uliedha u li dina tigi assenjata lilha kif inhi bil-pizijiet li hemm. Il-pagament lill Lohombus ghandu jibqa’ jsir mill-konvenut tramite ordni lill Bank.

**Oggetti in kommunjoni**

Dwar xi flus jekk hemm in kommun bejn il-partijiet ma ngabet ebda prova u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiddeciedi jekk hemmx flus bejnithom in kommun u kif dawn ghandhom jinqasmu.

Il-konvenut semma li hu kien ghamel xi spejjez fl-ewwel dar fejn marru jabitaw f’B’Bugia li kienet tappartjeni lill omm l-attrici, izda jirrizulta li dawn l-ispejjez saru volontarjament mill-konvenut meta ried jizzewweg u kull ma sar kien a beneficcju tieghu u l-post kien okkupat minnu u mill-attrici waqt iz-zwieg a beneficcju taghhom.

Kwantu ghall Medical Insurance fuq it-tfal, jekk dina ghadha tezisti, ghandha tithallas mill-kontendenti ugwalment bejnithom.

**Drittijiet successorji**

L-attrici talbet finalment li l-Qorti tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 50, 52 u 55 tal Kodici Civili sa fejn applikabbli w in partikolari li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successorji tieghu fil-konfront ta' l-attrici.

Fil-kaz in ezami l-artikolu 48 u 52 mhux applikabbli. L-artikolu 50 kien gie mhassar.

Qed jigi dikjarat li l-kontendenti ddekadew mid-drittijiet successorji fil-konfront ta' xulxin.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghal-konvenut;

2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li t-tfal llum huma maggorenni;

3. tikkundanna lill-konvenut ikompli jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja fissata mis-Sekond Awla u dana direttament tramite l-Bank;

4. tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici;

5. tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. Tiddikjara bhala propjeta' unika ta' l-attrici dawk l-oggetti ndikati fil-mandat ta' deskrizzjoni bl-isfar. Tassenja s-sehemijiet kollha li ghandu l-konvenut fil-kumpaniji lilu ad eskluzzjoni ta' l-attrici.

6. tiddikjara li l-kontendenti ddekadew mid-drittijiet successorji fil-konfront ta' xulxin.

7. tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab "Emilian" F. M. Ferretti Str, B'Bugia u tassenja l-istess lill-attrici.

bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**